MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Numru. 93/2002

Il-Pulizija
(Sp Pio Pisani)
vs
Edward Camilleri, iben Carmel,
imwieled Pieta’ fit-3 ta’ marzu, 1968

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli f’dawn il-Gżejjer, u cioe’ fi Triq id-Dura, Mosta fit-2 ta’ frar, 2002, għal ħabta tas-7.00 p.m., mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ martu Josepha Nicolina, magħrufa bħala Joselyne, u ta’ ħuha Mario Tanti, wera dan il-ħsieb, b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt u dan billi waddab ġebla (concrete brick) fid-direzzjoni tagħhom, liema delitt ma kienx esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;
2. talli fl-istess post, data, ħin u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ

ħaddieħor, u cioe' vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBD 689, tal-marka Peugeot, ta' kulur aħdar, liċenzjata f'isem Carmel Bartolo, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma jikorriex il-ħames mitt liri maltin (Lm500) imma hu iżjed minn ħamsin liri maltin (Lm50);
Il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni ta' Joselyne Camilleri u ta' Mario Tanti u tal-familja tagħhom, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għal dawn ir-reati, torbot lil Edward Camilleri taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta' april, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti
tal-kompilazzjoni u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 218, 325(a), 17(h), 20, 22, 23, 383 u 533
tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' april, 2002 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fit-2 ta' frar, 2002 għal ħabta tas-7 ta' fil-għaxija Mario Tanti, li jiġi ħu Joselyne Camilleri, wasal bil-karozza wara l-bieb tad-dar konjugali ta' oħtu li hi miżżewwġa lill-imputat. Ir-relazzjoni bejn il-konjuġi Camilleri hi waħda ħażina u dak in-nhar stess l-imputat, Edward Camilleri, kien mar l-għassa tal-Mosta biex il-pulizija jwiddbu lil Mario Tanti biex ma jersaqx lejn id-dar tal-imputat.

Illi Mario Tanti mar għand oħtu għaliex hi riedet tmur ma ħuha l-airport billi kienet ser tirritorna Malta mart Mario

Tanti.  Apparti minn hekk Joselyne Camilleri riedet li tapprofitta minn din l-okkazzjoni biex toħroġ it-tfal tagħha għal dawra.  It-tfal
tal-konjuġi Camilleri huma t-tnejn minuri.  Kif sar jaf b'dan l-arranġament l-imputat iddeċida li joħroġ it-tfal hu stess.

Illi Mario Tanti ċempel darbtejn fuq il-mobile ta' oħtu u dak kien il-messaġġ li hu kien wara l-bieb.  Joselyne Camilleri libset lil wieħed mit-tfal u ħalliet lill-imputat jlibbes lit-tarbija ta' disa' xhur.

Illi hekk kif riekbet fil-karozza misjuqa minn ħuha, Mario Tanti, huma semgħu daqqa kbira fuq is-saqaf ta' din il-karozza.  It-tnejn li huma ħarġu minn din il-karozza u bil-fixkla Mario Tanti ma rabatx il-hand brake u il-karozza baqgħet dieħla ġo parapet ta' abitazzjoni adjaċenti.  Huma raw mal-art brick u is-saqaf tal-karozza kien mgħattan. Huma bdew jgħajtu u immedjatament ħareġ l-imputat bit-tarbija f'idejh.

Illi l-pulizija kellmu lill-imputat li ċaħad li hu kien tefa xi brick lejn il-karozza misjuqa minn Mario Tanti.

Illi mill-provi prodotti ħadd ma ra lill-imputat jitfa xi brick lejn il-karozza misjuqa minn Mario Tanti.  Għandu jingħad ukoll li fuq il-bejt ta' Edward Camilleri kien hemm bricks ta' l-istess tip li spiċċa fuq il-karozza.

Illi f'każijiet bħal dawn il-prosekuzzjoni għandha tipprova l-każ tagħha fil-grad rikjest mill-Liġi.  Fil-fehma ta' din il-Qorti dak il-grad ta' prova ma ntlaħaqx f'dan il-każ.  Fil-kamp ċivili s-sitwazzjoni hija differenti iżda hawn qegħdin fil-kamp kriminali.

Għaldqastant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.